

31982D0460

L 210/8

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

19.7.1982

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL  
ta' l-24 ta' Ġunju 1982  
dwar suppliment għall-Anness IV tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tar-Renu kontra tniġġis kimiku**

(82/460/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/586/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 <sup>(4)</sup>, il-Komunità Ekonomika Ewropea ikkonkludiet il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tar-Renu kontra t-Tniġġis Kimiku (minn hawn iżjed il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni Kimika") u l-Ftehim Addizzjonali għall-Ftehim iffirmit f'Berne fid-29 ta' April 1963 dwar il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tar-Renu kontra t-Tniġġis (minn hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Kummissjoni Internazzjonali");

Billi, skond l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Kimika, il-Kummissjoni Internazzjonali għandha tipproponi, permezz ta' emendi għall-Anness IV tal-Konvenzjoni, valuri ta' limiti għar-rimi ta' ċerti sustanzi fil-wiċċ ta' l-ilmijiet tal-baċin tar-Renu; billi skond l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Kimika tinħtieġ l-adozzjoni unanima tal-Partijiet Kontraenti biex jidħlu fis-seħħ dwan l-emendi:

Billi l-Kummissjoni Internazzjonali ħejjiet valuri ta' limiti għall-merkurju fl-għamla ta' rakkomandazzjoni maħsuba biex tissupplimenta l-Anness IV tal-Konvenzjoni Kimika;

Billi hu mixtieq li l-Komunità, bħala Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni Kimika, tadotta r-rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tar-Renu kontra t-Tniġġis maħsuba biex tissupplimenta l-Anness IV tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tar-Renu kontra t-Tniġġis Kimiku, iffirmita f'Bonn fit-3 ta' Diċembru 1976, qiegħda b'dan tiġi adottata f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tar-rakkomandazzjoni hu mehmuz.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jgħarraf lill-Gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera, skond il-proċeduri preskritti fil-Konvenzjoni Kimika, bl-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Magħmula fil-Lussemburgu, 24 ta' Ġunju 1982.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. AERTS

<sup>(1)</sup> ĠU C 180, tat-18.7.1980, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU C 291, ta' l-10.11.1980, p. 57.

<sup>(3)</sup> ĠU C 348, tal-31.12.1980, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 240, tad-19.9.1977, p. 35.

**Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tar-Renu kontra t-Tniġġis li tissupplimenta l-Anness IV tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tar-Renu kontra t-Tniġġis Kimiku, iffirmata f'Bonn fit-3 ta' Diċembru 1976**

Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tar-Renu kontra t-Tniġġis,

Wara li kkunsidrat il-Konvenzjoni għall-Ħarsien tar-Renu kontra t-Tniġġis Kimiku, iffirmata fit-3 ta' Diċembru 1976,

Wara li kkunsidrat b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4 5 u 14 tagħha,

Tipproponi lill-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni li l-Anness IV tal-Konvenzjoni tat-3 ta' ikun supplimentat kif ġej fir-rigward ta' merkurju:

**VALURI TA' LIMITI**

(L-Artikolu 5)

Sustanza jew grupp ta' sustanzi	Orìġini	Valur ta' limitu f'termini ta' konċentrazzjoni massima ta' sustanza	Valur ta' limitu f'termini ta' kwantità massima ta' sustanza	Limitu ta' żmien dwar rimi eżistenti	Rimarki.
Merkurju	Stabbilimenti ta' elettrolisi kloralkali	Il-limiti ta' valuri f'termini ta' konċentrazzjoni massima huma kkalkolati billi jkunu diviżi il-limiti ta' valuri f'termini tal-kwantità massima ta' merkurju bil-kwantità ta' ilma wżat kull tunellata metrika tal-kapaċità ta' produzzjoni ta' klorin	Medja massima ta' 0-5 grammi ta' merkurju kull tunellata metrika tal-kapaċità ta' produzzjoni ta' klorin. Medja ta' żewġ granelli merkurju kuljum kull tunellata metrika tal-kapaċità ta' produzzjoni ta' klorin	fl-1 ta' Lulju 1983.	Il-valuri ta' limiti preskrritti fil-kolonna ta' qabel għandhom jiġu applikati għal merkurju li jkun ġej minn attività ta' produzzjoni u li għalhekk għandhom ikunu mħarsa mill-ħruġ ta' l-impjant tal-produzzjoni. Dwar il-metodi ta' kejl, analiżi u teħid ta' kampjuni, ara r-rakkomandazzjoni (tal-Kummissjoni Internazzjonali datata 28 ta' Diċembru 1979

Skond l-Artikoli 14 sa 19 tal-Konvenzjoni, il-miżuri preskrritti fit-tabella t'hawn fuq għandhom jidħlu fis-seħħ wara li jkunu unanimament adottati mill-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw l-adozzjoni tagħhom lill-Gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera, li għandu jikkonferma li jkun irċieva n-notifikazzjoni.